**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**vs**

**Doru-Giani Borcea**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Doru-Giani Borcea** ta' 44 sena, iben Vasile u Sultana Borcea (kunjomha xebba mhux maghruf), imwieled gewwa r-Rumanija, nhar it-23 ta' April, 1974 u detentur tal-licenzja tas-sewqan Rumena bin-numru G00278909L.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Frar 2019, ghall-habta tas-1.30 ta' fil-ghodu (1.30hrs), flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'IZIBET' sitwat gewwa Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu tad-Diretturi/Sidien tal-imsemmi stabbiliment, u/jew ta' xi entita` jew entitajiet ohra, u/jew persuna jew persuni ohra,

liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ikkommetta hsarat fuq apparat ta' sigurta` u kif ukoll fuq numru ta' kaxxi tal-loghob fost ohrajn, ghad-dannu tad-Diretturi/Sidien tal-imsemmi stabbiliment, u/jew ta' xi entita` jew entitajiet ohra, u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara teccedi l-valur ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-hati jhallas d-danni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tat-19 ta' Awwissu 2020, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

1. l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. l-Artikoli 261 (a)(b)(c)(f), 262(b), 263, 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. l-Artikoli 266, 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. l-Artikoli 276, 277(b), 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. l-Artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. l-Artikoli 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati u decizi minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.[1]

**4.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**5.** Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

---

[1] Ara fol. 556 tal-process.

**Il-Fatti**

**6.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-5 ta' Frar 2019, ghal habta tas-1.30pm, Sergio Cappitta cempel l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, u talab l-assistenza tal-pulizija. Huwa informahom li huwa Operations Director tas-socjeta Gaming Operations Limited, li topera diversi hwienet, b'licenzja mill-Malta Gaming Authority, bl-isem ta' Izibet. Huwa informa lill-Pulizija li kienet ghadha kemm giet attivata s-sistema kompjuterizata fuq il-mobile tieghu, li beda jimmarkalu li kien hemm xi persuna gewwa l-istabbiliment Izibet li jinsab go Triq Dun Nerik Cordina Perez, il-Hamrun. Dan ghaliex gol-istabbilment kien hemm *cash tracking device* (tracker) u wisq probabbli dan kien intmiss minn xi hadd, u kien qed jimmarka li qed idur fil-hanut. Dan it-tracker huwa apparat li jitqabbad ma' noti tal-flus, u meta jiccaqlaq minn postu jindika lil persuna koncernata tal-Izibet li jkun iccaqlaq u fejn qieghed.

2. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post indikat, u x'hin resqu vicin tas-shutter semghu xi hsejjes minn gewwa u ghalhekk talbu l-assistenza tal-pulizija mir-Rapid Intervention Unit (RIU). Diversi haddiema li jahdmu mal-Izibet gew ukoll fuq il-post sabiex jassistu lill-Pulizija.

3. Il-haddiema tal-Izibiet bdew jinnotaw fejn kien qed jimmarka dan it-tracker. F'hin minnhom, it-tracker beda jimmarka gewwa Triq San Vincenz, li hija triq li tinsab kantuniera wara l-istabiliment Izibet. Il-Pulizija ghamlu ronda f'din it-triq, u f'daqqa wahda semghu hoss partikolari, qisu hgieg jinkiser, u bdew jisimghu persuna tokrob. Il-Pulizija dahlu go garage li jinsab fl-istess it-triq, u li jifforma parti minn binja ta' flettijiet bl-isem "Usage Buildings". Fix-xaft ta' dan il-garage kien hemm l-imputat midrub, specjalment f'saqajh. Huwa ittiehed l-isptar Mater Dei, fejn irrizulta li kien qed isoffri minn griehi ta' natura gravi.

4. Hdejn l-imputat instab basket ta' kulur iswed, li go fih kien hemm ammont ta' flus, balaclava ta' kulur iswed, kif ukoll par ingwanti. Fil-basket instab pakkett tal-flus, u f'nofsu kien hemm it-tracker li ittiehed minn gewwa l-istabbilment Izibet.

5. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta wkoll li l-persuna jew persuni li kienu dahlu fl-istabbilment kienu ghamlu dan billi telghu fuq bejt fl-inhawi, qabzu diversi bjut sakemm waslu fuq il-bejt tal-istabbiliment Izibet. Huma nehhew *brick* minn mal-hajt, u mill-fetha fethu iz-zewg firolli tal-bieb tal-bejt, u dahlu gewwa. Huma nizzlu zewg sulari l-isfel u dahlu fl-area fejn hemm il-kaxxi tal-loghob. Kissru is-sistema tal-alarm u tfew ic-CCTV cameras. Huma sgassaw il-kaxxi tal-loghob permezz ta' lieva jew xi ghodda simili. L-elettriku gol-hanut gie wkoll maqtugh.

6. Iktar tard matul il-gurnata, fuq il-bejt partikolari tal-istess blokka "Usage Flats" f'zewg postijiet diversi instabu xi hwejjeg kif ukoll basket bl-ghodda taht il-pannelli, fuq l-istess bejt.

7. Minn aktar investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija irrizulta li l-imputat kien gie Malta fit-30 ta' Jannar 2019 flimkien ma certu Ionut Ciobanu, persuna ohra ta' nazzjonalita Rumena. Huma gew Malta bl-istess titjira tal-ajru u alloggjaw f'lukanda ix-Xemxija. L-imputat ipprenota disat iljieli f'din il-lukanda, u cioe sat-8 ta' Frar 2019. Ciabanu halla l-affarijiet tieghu kollha gol-lukanda li huwa kien qieghed jallogga fiha, u l-Pulizija ma tafx x'sar minnu.

8. Irrizulta li s-somma komplessiva li nsterqet kienet ta' €11,703.69. Pero is-somma misjuba fuq l-imputat kienet ta' madwar €345 u kien hemm xi flus Rumeni.[2]

9. Apparti l-flus li nsterqu, is-socjeta Gaming Operations Limited sofriet danni fil-magni tal-loghob, fis-sistemi tal-alarm u sigurta u fir-ristrutturazjoni u manteniment tal-fond in kwistjoni fl-ammont ta' €12,339.01 konsegwenza ta' din is-serq.[3]

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**7.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, d-difiza eccepiet l-inammissibilita tal-istqarrija rilaxxati mill-imputat. Ghalhekk, il-Qorti sejra tikkunsidra din l-eccezzjoni, qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-meritu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

[2] Ara fol. 187 tal-process.
[3] Ara Dok RV9 a fol. 38 - 65 tal-process.

*<u>Eccezzjoni Preliminari – L-inammissibilita tal-istqarriji rilaxxati mill-Imputat</u>*

**8.** Fin-nota ta' osservazzjonijet, id-difiza tissottometti hekk:
*"Illi ghalkemm dawn iz-zewg stqarrijiet ttiehdu fis-sena 2019, ossia wara li dahal d-dritt ta' kull suspettat illi mhux talli ghandu d-dritt illi jikkonsulta qabel it-tehid tal-interrogatorju, izda li ghandu d-dritt illi jkollu r-rapprezentat legali tal-ghazla tieghu prezenti mieghu waqt it-tehid tal-istess stqarrija, madanakollu minn imkien ma jirrizulta illi l-esponenti effettivament nghata dan id-dritt. Illi kemm fl-ewwel stqarrija rilaxxata mill-esponenti, kif ukoll mit-tieni wahda, jirrizulta illi l-esponenti nghata d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, madanakollu minn imkien ma jirrizulta illi nghata d-dritt illi l-avukat ikun prezenti waqt l-istess stqarrijiet."*

**9.** Dan m'huwiex fattwalment korrett.

**10.** Fix-xhieda tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Robert Vella qal hekk fir-rigward tal-ewwel stqarrija li rrilaxxa l-imputat:
*"… … (F)is-06 ta' Frar 2019, jien, flimkien ma' l-Ispettur Shawn Pawney u ma' l-interpretu … … konna infurmajna lil Borcea li konna ser inkellmuh rigward din is-serqa. Rega' gie mfakkar bid-drittijiet legali tieghu, u fil-fatt, wara li nfurmajnieh li kellu d-dritt li jkellem <u>jew li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni</u>, huwa ghazel li jaghmel kuntatt ma' l-avukat tal-Legal Aid, Dr. Raisa Colombo."*[4] (sottolinear ta' din il-Qorti).

**11.** L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Shawn Pawney xehed hekk:
*"… … (N)har is-sitta (6) ta' Frar jiena kont mort flimkien mal-Ispettur Robert Vella … … fejn ghal habta tas-siegha u nofs (1.30) hadna stqarrija lil Giani-Doru Borcea wara li ikkonsulta mal-avukat tal-ghajnuna legali Dottor Raisa Colombo fuq it-telephone, <u>hu kien ghazel li dak il-hin ma jigix assistit</u> u iddecieda li jikkoopera mal-Pulizija … …"*[5] (sottolinear ta' din il-Qorti)

**12.** Din ix-xhieda tal-Ispettur Robert Vella u l-Ispettur Shawn Pawney ma giet kontradetta minn hadd, u d-difiza ghazlet li ma taghmlilhom l-ebda domanda fir-rigward in kontro-ezami.

[4] Ara fol. 16 tal-process.
[5] Ara fol. 83 tal-process.

Din il-Qorti m'ghandhix raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita taghha. Konsegwentement, il-lanjanza tad-difiza dwar l-ewwel stqarrija hija fattwalment infondata.

**13.** Huwa vera li fix-xhieda taghhom rigward it-tieni stqarrija rilaxxata fis-16 ta' Frar 2019, iz-zewg Ufficjali Prosekuturi ma jergghux jirrepetu li regghu nformaw lill-imputat bid-dritt tieghu li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni. Pero mill-audiovisual tal-istqarrija jirrizulta li kien hemm is-segwenti domandi u risposti:

*"Uff. Pros: Jikkonferma li tajnieh id-drittjiet tieghu kollha bhala persuna arrestata.*

*Interpretu: Iva.*

*Uff. Pros: Jikkonferma wkoll li tajnieh id-dritt tal-avukat ghal din l-interrogazjoni u huwa ghazel li ma jkellem lil hadd f'dan il-kaz.*

*Interpretu: Peress illi x'aktarx ikun qieghed il-Qorti.*

*Uff. Pros: Jekk f'xi hin ihoss li ghandu bzonn ikellem l-avukat, jghidilna. Jekk ihoss li ghandu jikkonsulta."*[6]

**14.** Huwa vera li l-kliem *"tajnieh id-dritt tal-avukat ghal din l-interrogazzjoni"* wahedhom u barra mill-kuntest, jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjoni, pero l-imputat wiegeb li ma riedx ikellem avukat, ghax l-avukat aktarx qieghed il-Qorti. L-Ufficjal Prosekutur qal lill-imputat b'mod car hafna li jekk ihoss li ghandu bzonn ikellem l-avukat, jinfurmahom. Ma kien hemm l-ebda hin waqt din l-istqarrija li l-imputat talab li jkellem lill-avukat tieghu. Inoltre, il-fatt li l-imputat haseb li l-avukat tieghu aktarx qieghed il-Qorti, ma jfissirx li ma setghax jkellmu permezz tat-telefon cellulari, izda jfisser li l-avukat ma setghax ikun prezenti waqt l-interrogatorju ghaliex kien qieghed il-Qorti. Dan ifisser li l-imputat kien jaf li ghandu d-dritt mhux biss ikellem lill-avukat qabel l-interrogatorju - kif kien ghamel qabel irrilaxxa l-ewwel stqarrija - pero kien jaf ukoll li ghandu d-dritt li l-avukat tieghu ikun prezenti waqt l-interrogatorju, ghax kieku ma kienx iwiegeb li dak il-hin l-avukat tieghu aktarx kien qieghed il-Qorti. Kienet l-ghazla libera tal-imputat li ma juzufruwixxix ruhu minn dan id-dritt.

---

[6] Ara t-traskrizzjoni tal-istqarrija audiovisual a fol. 173-174 tal-process.

**15.** Kif diga inghad din it-tieni stqarrija ittiehdet fis-16 ta' Frar 2019. L-ewwel u l-unika darba li l-imputat qed jallega li ma giex infurmat li kellu dritt ikollu avukat prezenti waqt din it-tieni interrogazzjoni kien fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ipprezentata fis-16 ta' Novembru 2020. Matul dawn il-proceduri, l-imputat kien dejjem debitament assistit minn avukat difensur. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li kieku d-difiza vera hasset li t-tieni stqarrija ittiehdet bi ksur tad-dritt tal-imputat li jkun infurmat li ghandu d-dritt ikun assistit minn avukat, id-difiza kienet toggezzjona li l-Prosekuzzjoni tipprezenta fl-atti processwali d-DVD kontenenti l-audiovisual ta' dan l-interrogatorju, u/jew titlob li jigi sfilzat immedjatament.

**16.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li qabel interrogaw lill-imputat ghat-tieni darba, l-imputat kien gie infurmat mhux biss li ghandu dritt ikellem avukat qabel l-interrogatorju, pero anke li ghandu d-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogatorju.

**17.** Konsegwentement, din l-eccezzjoni tad-difiza qieghda tigi michuda.

*Il-Meritu*

**18.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jibda billi jghid hekk:
*"Ghandu jigi relevat ukoll illi fil-waqt li l-imputazzjonijiet illi jikkoncernaw is-serq aggravat bil-mezz u bil-hin mhux qeghdin jigu kkontestati, fl-umli fehma tal-esponenti ... ... l-imputat odjern ma jista' qatt jinstab hati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu."*

**19.** Billi din l-ammissjoni *in parte* tal-imputat ta' whud mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ma saritx *seduta stante*, ghal kull buon fini din il-Qorti tiddikjara li mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu sehem fis-serqa mertu ta' dawn il-proceduri, u l-kwalifiki ta' din is-serqa bil-mezz u bil-hin gew debitament ippruvati mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**20.** L-imputat pero jissottometti li ma giex ippruvat kien ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-artikolu 262(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni ikkwalifikat il-kelma "vjolenza" billi wara zieded *"(numerika)"*. L-Ufficjal Prosekutur

Shawn Pawney xehed li mill-investigazzjonijiet li saru, irnexxielhom jikkjarifikaw li ta' lanqas zewg persuni ikkommettew din is-serqa - l-imputat u persuna ohra.[7] Mill-provi ma jirrizultax l-involviment tal-ebda tielet persuna.

**21.** Ghal kull buon fini jinghad ukoll, li mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-hin tas-serqa *de quo* l-imputat kien armat.

**22.** Ghaldaqstant, l-addebitu tal-kwalifika tas-serq bil-vjolenza ma tirrizultax debitament ippruvata, u l-imputat se jigi liberat minnha.

**23.** L-imputat jissottometti ukoll li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li huwa hati bhala ko-awtur u/jew komplici f'serq kwalifikat bil-valur u bi hsara volontarja.

**24.** Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li minn qari tac-citazzjoni u tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju jirrizulta car li l-imputat qieghed jigi akkuzat bhala ko-awtur, u mhux bhala komplici. Fil-fatt fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju m'hemm l-ebda riferenza ghall-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar il-komplicita. Naturalment, din il-Qorti tista' ssib lill-imputat mhux hati bhala ko-awtur, izda hati bhala komplici.

**25.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel diversi sottomissjonijiet fuq il-kuncett ta' komplicita u kif dawn ma jirrizultawx pruvati fil-kaz odjern. Pero qabel tghaddi biex tikkunsidra l-elementi necessarji sabiex ikun hemm komplicita, u jekk dawn gewx debitament ippruvati, logikament il-Qorti l-ewwel trid tikkonkludi li mill-provi ma jirrizultax li l-imputat hu hati bhala ko-awtur.

**26.** Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Xuereb**, deciza fit-13 ta' Ottubru 2016, il-Qorti Kriminali[8] irriteniet hekk:

**27.** *"Issa sabiex l-akkuzat jista' jinstab hati bhala ko-awtur f'dawn id-delitti irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu ma' l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-*

[7] Ara fol. 560 tal-process.
[8] *Per* Imhallef Edwina Grima.

*esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti dina l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.*[9]*"*

**28.** Rigward l-addebitu tas-serq ikkwalifikat bil-valur, l-imputat qed jissottometti illi din ma gietx ippruvata stante li mill-provi jirrizulta li fuq l-imputat instabu biss €345, meta nsteraq l-ammont ta' €11,703.69, u di piu l-Ufficjal Prosekutur ma setghax jikkonferma bil-gurament l-ammont li effettivament insteraq mill-imputat. Inoltre id-difiza tissottometti wkoll li ma giex ippruvat li kien hemm xi ftehim pre-ordinat bejn l-imputat u l-malvivent l-iehor (li allegatament seraq ammont sostanzjali ta' flus) sabiex is-serqa tkun wahda ikkwalifikata bil-valur.

**29.** Il-Qorti tibda biex tghid li l-fatt li fuq l-imputat instab ammont ta' flus ferm inqas mill-ammont totali ta' flus, u lanqas jista' jinghad b'certezza li dan l-ammont ta' flus li nstab fuqu kien kollu misruq, ma jista' jkun ta' l-ebda komfort ghat-tezi tad-difiza. Jirrizulta ampjament ippruvat, illi meta l-Pulizija waslu hdejn l-istabbiliment tal-Izibet, l-imputat u Ciobanu kienu ghadhom fil-fond, ghax mhux biss it-tracker kien ghadu jimmarka li jinsab fl-istabbiliment izda instemghu hsejjes gejjin minn gewwa l-istabbilment. Ovvjament li meta l-imputat u Ciobanu intebhu li kienu waslu l-Pulizija fuq il-post, huma ippanikjaw u harbu jigru. Certament l-ahhar haga li tghaddilhom minn rashom zewg hallelin li jafu li se jinqabdu *in flagrante delicto* jekk ma jaharbux, huwa li joqghodu bil-kalma jghoddu u jaqsmu bejniethom il-flus misruqa li jkollhom fil-pussess taghhom.

**30.** Huwa vera li fl-ewwel stqarrija tieghu l-imputat jghid hu ma hax flus, pero meta indunaw li gew il-Pulizija Ciobanu tah xi flus u qallu biex jahrab.[10] Pero, ghalkemm din il-Qorti iddikjarat iz-zewg stqarrijiet bhala ammissibbli, ma thossx li ghandha tistrieh fuq dak li qal l-imputat fiz-zewg stqarrijiet. Fl-ewwel lok, fit-tieni stqarrija, l-imputat ammetta li fl-

[9] *App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et*
[10] Ara fol. 35 tal-process.

ewwel stqarrija kien ta informazzjoni skorretta lill-Pulizija dwar il-persuna li kienet mieghu waqt is-serqa, u dwar kif kien jafha, kif ukoll dwar il-mod kif iddecieda li jippartecipa f'din is-serqa. Fit-tieni lok, l-imputat ghandu kull interess li kemm jista' jkun jitfa' l-htija fuq il-persuna l-ohra – anke jekk mhix ko-akkuzata – biex jigi ikkundannat l-inqas piena possibbli. Dan hija r-raguni ghaliex ix-xhieda ta' ko-akkuzat mhix ammissibbli fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor, qabel il-proceduri kriminali kontra l-ewwel ko-akkuzat jkunu saru res judicata.[11] Fit-tielet lok, din il-Qorti mhix konvinta li l-imputat u Ciobanu raw dan l-istabbiliment tal-Izibet darba minn barra, qabzu minn fuq il-bjut minn triq li tigi warajh, kienu jafu kif ghandhom jidhlu minghajr qatt ma dahlu fih u minghajr ma kien hemm persuni ohra midhla tal-istabbiliment involuti f'dan il-kaz.

**31.** Konsegwentement, jista' jkun hemm diversi ragunijiet ghaliex Ciobanu ha kwazi l-ammont ta' flus kollu misruqa, u mhux necessarjament ghaliex Ciobanu ta xi ftit flus lill-imputat, li sfortunatament ghalih go fihom kien hemm it-tracker.

**32.** Pero sabiex tipprova dan l-addebitu tal-kwalifika tal-valur, irid jigi ippruvat li kien hemm xi ftehim pre-ordinat bejn l-imputat u Ciobanu sabiex is-serqa tkun wahda ikkwalifikata bil-valur. Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun** deciza fid-9 ta' Jannar 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[12] irriteniet hekk fir-rigward:

**33.** *"L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha ta' htija fuq il-bazi ta' provi indizzjarji. Issa ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar important mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci:*

**34.** *"Circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases; and, indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged in the pleading by the*

[11] Ara Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali.
[12] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more rare than in civil cases; and where such testimony is not available , the jury are permitted to infer from the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. "It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another ... ... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Per Lord Norman in Teper v. R. [1952] A.C. 480 at 489, P.C." (Archbold 1997, para 10-3).*

**35.** Mill-provi jirrizulta li l-imputat mar ma' persuna ohra biex jisraq stabbiliment fejn isir loghob tal-azzard. Id-difiza mhux qed tikkontesta li huma dahlu fl-istabbilment wara li nehhew brick mill-hajt tal-kamra ta' fuq il-bejt tal-istabbiliment. Huwa notorju li gol-kaxxex tal-loghob ikun hemm mijiet, jekk mhux eluf, ta' Euro. L-imputat kien liebes balaclava, u dan qed jinghad stante li l-espert Dr Marisa Cassar hadet kampjuni tad-DNA kemm minn barra kif ukoll minn gewwa il-balaklava,[13] u z-zewg kampjuni qablu ma dawk tal-imputat.[14] Il-filmat tas-CCTV footage gewwa l-istabbiliment ikopri il-perjodu 10:59:59pm tal-4 ta' Frar 2019 u 12.14:25 a.m. tal-5 ta' Frar 2019, x'aktarx sa meta gie maqtugh is-servizz tal-elettriku fil-hanut.[15] Jeffrey Caruana, l-IT Manager ta' Gaming Operations Limited, xehed li fl-14 il-minuta u 26 sekonda wara nofs il-lejl tal-5 ta' Frar 2019, gie maqtugh il-kurrent tal-IT cabinet tal-istabbiliment tal-Izibet in kwistjoni. L-IT cabinet tinkludi ic-CCTV recorder u ghalhekk ma hemmx recording wara dak il-hin.[16] Ghalhekk, l-imputat u Ciobanu zgur li dahlu fl-istabbiliment ghal-habta ta' 12.15am – meta gie maqtugh is-servizz tal-elettriku fil-hanut, u kienu ghadhom hemm meta waslu l-Pulizija xi ftit wara 1.30am meta dahal ir-rapport. Ghalhekk huma damu fil-hanut ghall-inqas siegha u kwart, u f'dan il-hin gew sgassati tminn (8) magni tal-loghob biex jittiehdu il-flus minn go fihom.

**36.** Tenut kont ta' dawn il-fatti - li ma gewx kontestati mid-difiza - certament mhux verosimili li l-imputat jghid li meta dahal biex jisraq, huwa ma kellux intenzjoni li jikkommetti serq kwalifikat bil-valur. Certament mhux kredibbli li l-imputat qaghad ghal tal-inqas siegha u kwart ihares, jew jghin lil malvivent l-iehor jisgassa l-kaxxi tal-loghob, pero

---

[13] Ara rapport ta' l-espert Dottor Marisa Cassar a fol. 309 tal-process.
[14] Ara rapport ta' l-espert Dottor Marisa Cassar a fol. 416 tal-process.
[15] Ara rapport tal-espert John Sacco a fol 354 tal-process.
[16] Ara fol. 387 tal-process.

bl-intenzjoni li l-flus johodhom Ciobanu. Il-provi indizzjarji huma univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat ha sehem attiv sabiex jigi kommess ir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur.

**37.** Fi kwalunkwe kaz, *dato ma non concesso,* li l-imputat ma kellux intenzjoni jikkommetti serq kwalifikat bil-valur biex jaghmel qliegh ghalih personali, persuna tista' tinstab hatja ta' serq kwalifikat bil-valur, anke jekk il-qligh ikun intiz biex tigi ivvantaggjata xi terza persuna, u l-awtur tar-reat ma jiggwadajna xejn.

**38.** Argument simili ghal dak tal-imputat, gie rigettat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Balzan** deciza fis-26 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[17] qalet hekk:
*"L-appellant jargumenta illi huwa ma ha xejn minn dan it-tbaghbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-socjetà u se mai kienet l-istess socjetà illi hadet xi beneficcju. Ovvjament dan l-argument ma jistax iregi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz."*

**39.** *Ex abbundantia,* il-Qorti tirriferi ghal dak li qal l-imputat fit-tieni stqarrija tieghu – ghalkemm il-Qorti ma striehetx fuqhom: *"Peress li konna tlifna hafna flus f'dawn il-magni u dawn l-affarijiet, ghidna ejja mmorru ngibu l-flus li forsi tlifna."*[18] In oltre, l-imputat qal ukoll li l-ghodda li intuzat fis-serqa inxtrat minnu u mill-malvivent tieghu.[19]

**40.** Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat huwa hati tar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur.

**41.** Rigward il-hsara volontarja, l-imputat jissottometti li hu bl-ebda mod u manjiera ma ikkawza kwalunkwe hsara msemmija mill-Prosekuzzjoni, u ma jezistu l-ebda provi f'dan is-sens. Huwa jibbaza din is-sottomissjoni fuq il-fatt li l-ghodda li ntuzat fis-serqa, instabet fuq

---

[17] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[18] Ara fol. 179 tal-process.
[19] Ara fol. 177 tal-process.

bejt li l-imputat kien ghadu ma wasalx ghalih, ghaliex waqa' fix-xaft qabel. In oltre, l-ispettur Shawn Pawney xehed li m'ghandux prova li kien l-imputat li ikkawza il-hsarat fuq il-magni.[20]

**42.** A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula iktar il-fuq dwar il-provi indizzjarji li gew ippruvati f'dan il-kaz. Certament mhux kredibbli li l-imputat ghamel tal-inqas siegha u kwart fl-istabbilment semplici spettatur ihares lejn Ciobanu ikisser il-magni tal-loghob u jiehu l-flus minnhom, u jaqta' l-kurrent elettriku, jkisser l-apparat tal-alarm u apparat iehor.

**43.** Jigi rilevat in oltre, li l-ammont ta' ghodda li nstabet kien wiehed konsiderevoli. Mir-ritratti mehuda mis-Scene of Crime Officer WPC 363 Caroline Meilak, il-Qorti setghet tghodd tal-inqas seba' bicciet ta' ghodda li nstabu sfuzi, u uhud minnhom pjuttost kbar.[21] Mhux verosimili li din l-ghodda ingarret u intuzat minn persuna wahda. Il-fatt li din l-ghodda instabet metri wara fejn waqa' l-imputat ma jfissirx necessarjament li din l-ghodda kienet qed tingarr biss minn Ciobanu, li kien qed jigri qabel l-imputat, u halliha fejn halliha – kif qed jimplika l-imputat fis-sottomissjonijiet tieghu. L-imputat u l-malvivent setghu ukoll iddecidew li jhallu dik l-ghodda hemm, flimkien ma' hwejjeg ohra li nstabu fuq l-istess bejt, imbaghad rega' mar lura fid-direzzjoni tal-istabbiliment. Il-verita hi, li likieku fil-flus li kellu fuqu l-imputat ma nzertax kien hemm it-tracker, kien hemm probabilita kbira li l-pulizija ma jirnexxiliex tirrintraccah. Vera li hu waqa' fix-xaft, pero ix-xaft kien abbandunat u l-garaxx kien jidher li ma jintuzax.[22] Ghalhekk, kieku ma kienx ghat-tracker, kienu jghaddu tal-inqas numru ta' sieghat qabel xi hadd jinduna bih.

**44.** *Ex abbundantia*, il-Qorti terga' tirreferi ghal dak li qal l-imputat fit-tieni stqarrija tieghu, u cioe li kienu hu u Ciobanu li xtraw l-ghodda.

**45.** Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija wkoll sodisfatta li gie debitament ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ikkaguna d-danni volontarji in kwistjoni.

---

[20] Ara fol. 561-562 tal-process.
[21] Ara fol. 128 tal-process.
[22] Ara xhieda ta' PS 918 Clayton Azzopardi a fol. 160 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**46.** Il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2,329.27 u bil-hin, kif ukoll li kkaguna danni volontarji liema danni jeccedu €2,500.

**47.** Huwa vera li d-danni kkagunati huma estensivi, pero l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li, ghal fini ta' piena, l-hsara volontarja li saret serviet bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq ikkwalifikat, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, u konsegwentement ghandha tinghata il-piena ghal dan l-ahhar reat, li hu r-reat l-aktar gravi.

**48.** Ghalkemm huwa minnu li dawn il-proceduri twalu minhabba l-fatt li l-Avukat Generali dam ftit inqas minn sena biex baghat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju – agir li din il-Qorti diga iddikjarat li huwa inaccettabbli, iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li l-imputat jinsab detenut taht arrest preventiv. Pero min-naha l-ohra f'dawn il-proceduri kriminali, dan id-dewmien ma jistghax jigi rifless fil-piena. Kif intqal fis-sentenzi citati mill-istess intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita kriminali tal-hati. Pero jista' f'xi kazi jagevola lill-persuna imputata, meta jigi muri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligjiet u wera certu impenn biex jirriforma.[23] Fil-kaz odjern, l-imputat kien taht arrest preventiv it-tul kollu ta' dawn il-proceduri, u ma irrizultax li kellu xi vizzju li ried jeghleb. Ghalhekk, f'dawn il-proceduri kriminali, t-trapass taz-zmien ma jistghax jagevola lill-imputat.

**49.** Id-difiza ghamlet diversi drabi accenn ghal fatt li l-fedina tal-imputat hija wahda netta. Pero fil-kaz odjern, l-imputat huwa barrani u ikkommetta r-reat hamest (5) ijiem biss wara li gie hawn Malta. Veru li mit-tieni stqarrija tieghu jirrizulta li l-imputat kien hawn Malta ukoll fl-2015, imma dan jidher li gie Malta biss ghal btala ta' ftit granet. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat ghal fini tal-ikkalibrar ta' piena.

[23] **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et** deciza fit-2 t'Ottubru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Imhallef Joseph Galea Debono).

**50.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha id-difiza taghmel riferenza ghal piena ghal reati simili ghal dawk li taghhom l-imputat instab hati f'dawn il-proceduri ai fini tal-principju ta' proporzjonalita fl-ikkalibrar tal-piena.

**51.** L-ewwel sentenza hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarek Khodir** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[24] fl-14 ta' Dicembru 2017, fejn l-imputat inghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin ghal imputazzjonijiet simili ghal dawk odjerni, u l-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat li l-piena kienet wahda fil-parametri tal-ligi. Pero, jigi rilevat li f'dawk il-proceduri, l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, li normalment igib riduzzjoni fil-piena. Fil-kaz odjern l-imputat ma rregistra l-ebda ammissjoni bikrija. In oltre l-ammont misruq fiz-zewg serqiet, kien cirka 25% tal-ammont misruq fil-kaz odjern.

**52.** It-tieni sentenza hija **Il-Pulizija vs Brian Muscat**, deciza fis-16 ta' Marzu 2017 minn din il-Qorti, diversament preseduta[25], fejn l-imputat kien *inter alia* akkuzat b'zewg serqiet bl-istess kwalifiki tal-kaz odjern u danni volontarji, waqt li kien recidiv b'fedina penali raffrettarja u gie ikkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija. Pero jrid jinghad ukoll li f'dan il-kaz ir-*res furtiva* giet ritornata qabel inbdew il-proceduri, u ghalhekk il-piena riedet titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali. Dan ma sarx fil-kaz odjern. Inoltre il-valur misruq f'wahda mis-serqiet kien ta' ftit iktar minn 25% tal-valur misruq fil-proceduri odjerni, fil-waqt li l-valur tat-tieni serqa ma giex specifikat fis-sentenza.

**53.** Il-Qorti, kif preseduta, taqbel totalment mal-principju li ghandu jkun hemm proporzjonalita bejn r-reati u l-piena, pero hija hasset li kellha tindika dawn id-differenzi fil-fatti fis-sentenzi iccitati mid-difiza sabiex turi li anke fejn persuni ikunu akkuzati b'reati kwazi identici, ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz irid jittiehed in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena.

**54.** Rigward il-piena, id-difiza tirreferi ghall-Artikolu 278 tal-Kodici Kriminali li *inter alia* jippreskrivi l-piena meta din tkun kwalifikata bil-mezz kif ukoll bi tnejn jew izjed mill-kwalifiki l-ohra, izda mhux dik tal-vjolenza, li jwassal ghal massimu ta' piena ta' erba' (4) snin prigunerija.

---

[24] *Per* Imhallef Edwina Grima.
[25] *Per* Magistrat Neville Camilleri.

**55.** Pero l-Artikolu 279 (b) jippreskrivi illi:

*"Il-hati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jehel — (b) jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin"*

**56.** Di piu, l-Artikolu 280 (2) jippreskrivi illi:

*"Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz" jew bit-tnejn, ghandha tinghata l-piena li hemm ghas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:*

*Izda, jekk din il-piena tkun anqas mil-pieni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandhom jinghataw dawn l-ahhar pieni mizjuda bi grad."*

**57.** Il-piena li tista' tinghata ghas-serq akkumpanjat bil-kwalifika tal-mezz hija inqas mill-piena msemmija fl-Artikolu 279(b) u ghaldaqstant, skont il-proviso tal-Artikolu 280(2), ghandha tinghata l-piena msemmija fl-Artikolu 279(b) mizjuda bi grad.

**58.** Ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, il-piena ghas-serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2,329.37 hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tmintax (18)-il xahar u mhux iktar minn disa' (9) snin.

**59.** Il-Qorti hija konxja li l-Artikoli 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali ma gewx imsemmija mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Din il-Qorti hija wkoll konxja tas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[26] irriteniet hekk:

**60.** *"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-*

[26] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. … … Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`."*

**61.** Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma' dan l-insenjament. Pero, l-Artikoli 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplaw l-ebda reat, imma jikkontemplaw l-piena f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' serq ikkwalifikat kif fuq inghad. Ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali huwa obbligat li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, jindika l-artikoli tal-ligi li tahthom ikun jidhirlu li tista' tinstab htija ghal xi delitt jew delitti, izda mhux obbligat jindika wkoll l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw il-piena relattiva ghal dawk id-delitti.

**62.** Il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija determinata mill-piena ghad-delitt. F'din in-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali qieghed, f'certu sens jillimita d-delitti billi jindika l-artikoli tal-ligi ghal dawk id-delitti li ma jeccedux il-piena ta' tnax-il sena, kif jippreskivi l-Artikolu 370(3). Kull referenza li l-Avukat Generali jaghmel f'din in-nota ghal xi artikolu tal-ligi iehor, li ma jikkontemplax delitt, issir biss sabiex jghin lill-Qorti, u *ex abundantia cautela* sabiex jassigura ruhu li l-Qorti tehodhom in konsiderazzjoni.

**63.** Konsegwentement, anke jekk l-Avukat Generali ghazel li ma jinkludix dawn l-Artikoli fin-nota ta' rinviju, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' serq ikkwalifikat kif fuq inghad, u l-piena li tista' tinghata ghas-serq akkumpanjat bil-kwalifika tal-mezz (Artikolu 278(3)) hija inqas mill-piena msemmija fl-Artikolu 279(b), il-Qorti hija xorta obbligata, skond il-proviso tal-Artikolu 280(2), li tati l-piena msemmija fl-Artikolu 279(b) mizjuda bi grad, ghax din hija l-piena applikabbli skond il-ligi.

**64.** Ghaldaqstant, il-piena applikabbli fil-kaz odjern hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tmintax (18)-il xahar u mhux iktar minn disa' (9) snin.

**65.** Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ma hallas xejn mis-somma ta' €11,703.69 derubata.

**Konkluzjoni**

**66.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 t'Awwissu 2020:

1. issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 261(a) u 262(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghda tilleberah minnu;

2. wara li rat l-Artikoli 261(b),(c),(f), 263, 264(1), 266, 267, 270 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati,

3. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data, kif ukoll ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas lis-socjeta Gaming Operations Ltd. is-somma ta' tnax-il elf, u

wiehed u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€12,051.14), rapprezentanti nofs l-ammont misruq u nofs id-danni sofferti mill-istess socjeta konsegwenza tar-reati li taghhom l-imputat instab hati.

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**